kummissjoni djoċesana żgħażagħ

# Stqarrija Għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ | **Data:** | 16/01/08 |
| **Ref:** | KDŻ 01/08 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## L-Arċisqof għal darb'oħra qalb iż-żgħażagħ

Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar l-Arċisqof Pawlu Cremona, kellu laqgħa ma' grupp ta' Żgħażagħ ġewwa restorant f'San Ġiljan, wara li huma ltaqgħu miegħu għall-awguri tal-aħħar tas-sena fil-Palazz il-Belt.

Matul is-sena 2007, l-ewwel waħda fl-episkopat tiegħu, Mons. Pawlu Cremona kellu diversi minn dawn il-laqgħat informali maż-żgħażagħ. Hekk kif semma fl-ittra tiegħu liż-żgħażagħ li nqrat minnu stess nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru 2007, huwa indika d-diversi drabi li huwa ltaqa' magħhom u ħeġġiġhom sabiex ikunu huma stess li jwasslu l-messaġġ ta' Kristu lil żgħażagħ oħrajn.

F'din l-aħħar laqgħa tiegħu magħhom huwa sema' l-opinjoni ta' dawn iż-żgħażagħ dwar il-Knisja f'Malta u r-relazzjoni taghha maż-żgħażagħ. Huma esprimew mhux biss l-apprezzament tagħhom għall-isforzi li qed tagħmel il-Knisja biex tkun viċin tagħhom, iżda wkoll il-preokkupazzjoni tagħhom għal fatt li ħafna żgħażagħ għadhom mhux qed jintlaħqu. Huma talbu lill-Arċisqof sabiex il-Knisja tfittex modi ta' kif tkun aktar effettiva fix-xandir tal-messaġġ ta' Kristu speċjalment fost iż-żgħażagħ. Huma tkellmu dwar l-importanza tal-familja, il-komunita' li huma jħossu li fiha għandhom isibu l-ambjent li fih jikbru fil-valuri nsara, u dwar l-esperjenzi tagħhom, xi wħud sbieħ, oħrajn li jaqtawlhom qalbhom, fil-mixja ta' fidi li huma jfittxu li jagħmlu. Ma naqasx ukoll l-ilment ta' dawn iż-żgħażagħ li jixtiequ li jsibu fil-Knisja f'Malta komunita' li fiha jistgħu jħossuhom milqugħin.

Matul din il-laqgħa. Monsinjur Arċisqof wera l-entużjasmu tiegħu għad-direzzjoni ġdida li fiha ż-żgħażagħ qiegħdin jieħdu 'l Knisja: f'esperjenza ta' komunita` sħiħa. Iż-żgħażagħ iħossu l-ħtieġa li jgħixu eqreb ma' xulxin fil-fidi tagħhom u fl-istess ħin li jżommu djalogu miftuħ u relevanti mal-bqija tas-soċjeta`.

TMIEM■■■■

flimkien
għas-servizz
taż-żgħażagħ